MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Il-Pulizija
(Sp Dennis Theuma)
vs
Dennis Gatt, iben Francis Saverio,
imwieled is-Siġġiewi fis-6 ta’ frar, 1958

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli bħala wieħed mid-diretturi tal-kumpanija G.M.F. Precast Ltd. ta’ Triq Santa Marrija, Magħtab, limiti tan-Naxxar, f’dawn il-Gżejjer, fit-3 ta’ mejju, 2000 u fiż-żmien ta’ qabel b’diversi azzjonijiet magħmula minnu anki jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b’risoluzzjoni waħda, bħala wieħed mill-persuni li kellhu f’idejh il-kontroll ta’
l-imsemmi fond, b’mezzi qarrieqa, ikkometta serq ta’ kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq

hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-elf liri maltin;
2. talli fl-istess lok u perjodu ta' żmien għamel ħsara fil-makkinarju u gumni ta'
l-elettriku jew ikkaġuna telf ta' kurrent ta' l-elettriku;
3. talli għamel ħsara jew għarraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew siġilli tiegħu jew xi parti minn xi apparat jew gumni użati fil-provvista
tal-elettriku jew siġilli tagħhom;
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta ma l-imputat Dennis Gatt talli kiser
il-kondizzjonijiet ta' sentenza mposti minn din il-Qorti, diversament presjeduta, tat-13 ta' marzu, 2000 fejn l-imputat ġie kkundannat b'sentenza ta' sentejn priġunerija sospiza għall-erba' snin liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba wkoll b`x f'każ ta' ħtija tordna lill-imputat biex iħallas l-ispejjeż relativi għall-perizja rigwardanti l-imsemmi każ.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' mejju, 2003 fejn ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta li ddikjarat li ma għandhiex aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' mejju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt liri maltin

(Lm100).  Rat l-artikolu 28B(1)(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali u minħabba l-fatt li l-imputat ħallas dak kollu dovut u ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti tordna li l-perjodu operattiv, imsemmi fis-sentenza tat-13 ta' marzu, 2000, jibqa fis-seħħ. Fl-aħħar, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' tlieta u sittin liri maltin u tmenin ċentesimu (Lm63.80) spejjeż inkorsi fil-ħatra tal-espert.

--------------------------------TMIEM--------------------------------